KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fid-19 ta' April 2007 [1]

1. Permezz tar-rikors preżenti, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob li jiġi kkonstatat li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 1, 3, 4, 7, 8, u 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin [2].

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

2. Ċerti leġiżlazzjonijiet nazzjonali, mingħajr ma jkunu diskriminatorji, jistgħu jkunu ta' ħsara inġustifikata għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Dan japplika, b'mod partikolari, meta għall-eżerċizzju ta' xi professjoni jkunu rikjesti kwalifiki li jistgħu jvarjaw kunsiderevolment minn Stat Membru għall-ieħor. Bl-għan li jelimina dawn l-ostakoli għall-moviment liberu tal-ħaddiema, il-leġiżlatur Komunitarju stabbilixxa sistema ta' rikonoxximent tal-kwalifiki li hija bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku.

3. Bil-għan li timplementa din is-sistema, il-Komunità Ewropea adottat żewġ trattamenti fil-qasam tar-rikonoxximent tad-diplomi.

4. L-ewwel trattament, imsejjaħ "settorjali", jistabbilixxi sistema ta' rikonoxximent tad-diplomi għal seba' professjonijiet regolati [3]. Diversi Direttivi kienu ġew adottati skont dan it-trattament. Dawn jiffissaw kriterji minimi, li huma komuni għall-Istati Membri kollha, għall-kundizzjonijiet ta' aċċess u twettiq ta' dawn il-professjonijiet. Konsegwentement, id-diplomi, miksubin wara li jingħata taħriġ, li jidhru fil-lista magħmula mil-leġiżlatur Komunitarju, huma rikonoxxuti awtomatikament mill-Istati membri.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU 1989, L 19, p. 16.

3 — Dawn huma l-professjonijiet segwenti: tabib, infermier, persuni responsabbli mill-kura ġenerali, dentist, veterinarju, majjistra, spiżjar u perit.

5. It-tieni trattament żviluppat mil-leġiżlatur Komunitarju huwa iktar globali. Huwa dan it-trattament li pprevala fl-adozzjoni tad-Direttiva 89/48. Din id-direttiva tapplika għall-professjonijiet li mhumiex is-suġġett ta' direttiva settorjali u, skont l-Artikolu 3 tagħha, issib il-ġustifikazzjoni tagħha fil-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi mingħajr ma jkun hemm armonizzazzjoni preċedenti tat-taħriġ.

6. B'hekk, l-Istat Membru ospitanti li jirregola professjoni, għandu, skont din id-Direttiva 89/48, jirrikonoxxi d-diplomi professjonali ta' livell ogħla li jkunu ġew miksuba fi Stat Membru ieħor bħala li jippermettu t-twettiq tal-professjoni rregolata in kwistjoni, bil-kundizzjoni ċara, kif prevista minn din id-direttiva, li d-diploma tagħti lit-titolari tagħha l-kwalifiki professjoni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-professjoni rregolata kkonċernata.

7. Skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48, b'"diploma" wieħed għandu jifhem kull diploma mogħtija minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, li turi li t-titolari jkun ikkompleta b'suċċess kors postsekondarju ta' mill-inqas tliet snin. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta wkoll li dawn l-istudji għandhom isiru f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla jew stabbiliment ieħor ta' livell simili.

8. Dan il-prinċipju jinkludi, f'ċerti każijiet, miżuri kumpensattivi imposti mill-Istat Membru ospitanti. Fil-fatt, peress li jeżistu differenzi sostanzjali bejn il-kontenut tat-taħriġ segwit fl-Istat Membru tal-oriġini u dak tat-taħriġ magħmul fl-Istat Membru ospitanti, dan l-istess Stat Membru ospitanti, skont l-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48, għandu l-possibbiltà li jitlob lit-titolari tad-diploma biex jikkompleta perijodu ta' adattament jew jieħu aptitude test.

9. L-ewwel fraži tat-tieni inċiż ta' din l-istess dispożizzjoni tippreċiża li l-Istat Membru ospitanti għandu, in prinċipju, iħalli lit-titolari tad-diploma d-dritt li jagħżel bejn il-perijodu ta' adattament u aptitude test.

10. Madankollu, b'deroga għal dan il-prinċipju, għall-professjonijiet li l-prattika tagħhom titlob tagħrif preċiż tal-liġi nazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-provvista ta' pariri u/jew assistenza li tikkonċerna l-liġi nazzjonali hija aspett essenzjali u kostanti tal-attività professjonali, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob jew perijodu ta' adattament jew aptitude test. Meta din il-proċedura tiġi implementata, skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 89/48, l-Istat Membru ospitanti għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-abbozz korrispondenti tad-dispożizzjoni in kwistjoni u r-raġunijiet li jagħmlu l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni neċessarja.

11. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 89/48, li fih dispożizzjoni partikolari għall-professjonijiet regolati minn assoċjazz-

joni jew organizzazzjoni [skont it-tieni subparagrafu ta' din id-direttiva [4]] huwa miktub kif ġej:

"Meta professjoni tkun regolata fi Stat Membru ospitanti minn assoċjazzjoni jew organizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(d), ċittadini ta' Stati Membri għandhom ikunu ntitolati biss għall-użu tat-titolu professjonali jew ta' ittri ta' deskrizzjoni mogħtija minn dik l-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mal-prova tas-sħubija.

Meta l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni jagħmlu s-sħubija soġġetta għal ċerti ħtiġiet ta' kwalifiki, dawn jistgħu jiġu applikati għal ċittadini ta' Stati Membri oħrajn li jkunu fil-pussess ta' diploma skont il-punt (a) tal-Artikolu 1 jew kwalifika formali fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 3 biss skont din id-direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 4."

12. It-terminu previst fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 89/48 għat-traspożizzjoni tal-istess direttiva fid-dritt nazzjonali skada fl-4 ta' Jannar 1991.

4 — Skont din id-dispożizzjoni, hija meqjusa bħala tali assoċjazzjoni jew organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Istat membru, li tagħti diploma lill-membri tagħha u li tiżgura li l-membri tagħha jirrispettaw ir-regoli ta' kondotta professjonali li hija tippreskrivi u tagħtihom id-dritt li jużaw titolu jew ittri ta' deskrizzjoni, jew li jibbenefikaw minn status li jikkorrispondi ma' dik id-diploma.

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

13. Fil-Greċja, id-Digriet Presidenzjali 165/2000, tat-28 ta' Ġunju 2000 [5], kif emendat bid-digrieti presidenzjali 373/2001, tat-22 ta' Ottubru 2001 [6], u 385/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002 [7] (iktar 'il quddiem id-"Digriet 165/2000") huwa intiż sabiex jitrasponi d-Direttiva 89/48 fis-sistema legali nazzjonali.

14. Sa fejn il-Kummissjoni, permezz tal-ilmenti tagħha, tikkontesta dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt nazzjonali, dawn l-istess dispożizzjonijiet ser jiġu identifikati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ilmenti.

II — Il-proċedura prekontenzjuża

15. Sussegwentement għal ilmenti li saru minn 37 individwu, il-Kummissjoni talbet li l-leġiżlazzjoni Ellenika ma kinitx konformi mad-Direttiva 89/48 fuq diversi punti. B'hekk, fis-27 ta' Lulju 2001, hija indirizzat ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Ellenika, segwita

5 — FEK A' 149.
6 — FEK A' 251.
7 — FEK A' 334.

b'ittra ta' intimazzjoni ulterjuri tal-21 ta' Diċembru 2001. Il-Gvern Elleniku rrisponda għal dawn l-ittri b'korrispondenza tat-12 ta' Ottubru 2001 u tat-13 ta' Marzu 2002.

16. Peress li dawn ir-risposti ma kinux meqjusin bħala sodisfaċenti, il-Kummissjoni, fl-1 ta' Lulju 2002, indirizzat lir-Repubblika Ellenika, opinjoni motivata u, fid-9 ta' Lulju 2004, opinjoni motivata ulterjuri, fejn stiednet lil dan l-Istat Membru sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' dawn l-opinjonijiet fi żmien xahrejn li kienu jibdew jidderkorru min-notifiki tagħhom. Ir-Repubblika Ellenika rrispondiet għal dawn l-opinjonijiet b'korrispondenza tat-3 ta' Settembru 2002, tas-26 ta' Awwissu 2004 u tas-7 ta' April 2005.

17. Għalkemm l-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika Ellenika kienet tirrispondi fuq ċerti punti għall-ilmenti tal-Kummissjoni, l-istess Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li r-Repubblika Ellenika ma ħaditx il-miżuri kollha meħtieġa biex titrasponi d-Direttiva 89/48 fil-liġi interna tagħha. Hija ddeċidiet għalhekk li tintroduċi r-rikors preżenti.

III — Ir-rikors

18. In sostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni invokat seba' lmenti, li huma bbażati rispettivament:

— fuq in-nuqqas ta' rikonoxximent tad-diplomi mogħtija f'kuntest ta' rappreżentanza (*franchise*) mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor;

— fuq l-inkompatibbiltà tal-miżuri kumpensattivi previsti mid-Digriet 165/2000 ma' dawk li jinsabu fid-Direttiva 89/48;

— fuq iż-żamma tal-kompetenza attribwita lis-Symvoulio Anagnoriseos Epangelmatikis Isotimias Titlon Tritovathmias Ekpaidefsis [8], biex jevalwa jekk l-istabbiliment tal-edukazzjoni tal-Istat Membru l-ieħor huwiex parti minn edukazzjoni ogħla u jekk l-applikant għandux l-esperjenza professjonali meħtieġa fil-każ fejn id-dewmien tat-taħriġ huwa inqas minn sena minn dak meħtieġ fil-Greċja għat-twettieq tal-istess professjoni;

8 — Ċentru interuniversitarju dwar ir-rikonoxximent akkademiku tad-diplomi barranin, iktar 'il quddiem is-"Saeitte".

— fuq in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għall-aċċess għall-impjiegi pubbliċi xjentifiċi;

— fuq il-prassi amministrattiva tad-diversi servizzi tas-settur pubbliku dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' persuni li jkunu diġà reklutati, u li huma titolari ta' diploma, skont id-Direttiva 89/48, u li jkunu jafu dwar problemi konnessi mal-kundizzjonijiet ta' klassifika għal skala ġerarkika ogħla;

— fuq it-talba għal preżentazzjoni ta' prova ta' ekwivalenza akkademika mid-Diapanepistimiako Kentro Anagnoriseos Titlon Spoudon tis Allodapis [9] u dwar is-suċċess tat-titolari tad-diploma fl-eżami, skont id-Direttiva 89/48 għall-finijiet ta' reġistrazzjoni fit-Techniko Epimelitirio Ellados [10], u

— fuq it-talba ta' preżentazzjoni taċ-ċertifikati ta' taħriġ professjonali validati minn awtorità konsolari għad-diplomi ta' Stati Membri oħrajn.

19. Fuq il-bażi ta' dawn l-ilmenti, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha tiddikjara li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 1, 3, 4, 7, 8 u 10 tad-Direttiva 89/48 u sabiex tordna lill-istess Repubblika Ellenika tbati l-ispejjeż.

20. Il-Kummissjoni rrinunzjat għar-raba' u s-seba' lment. B'hekk aħna ser nillimitaw l-analiżi tagħna fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt ilment.

IV — Kunsiderazzjonijiet

21. Fl-ewwel lok għandu jiġi enfasizzat li r-Repubblika Ellenika, f'ittra indirizzata lill-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2006, għamlet referenza għall-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Republika Ellenika* tad-digriet Ministerjali li jitrasponi korrettement id-Direttiva 89/48 fid-dritt intern tagħha. Dan id-dokument huwa irrilevanti. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fondatezza ta' rikors miniħabba n-nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu għandha

9 — Diapanepistimiako Kentro Anagnoriseos Titlon Spoudon tis Allodapis, iktar 'il quddiem id-"Dikatsa".

10 — Bord Tekniku tal-Greċja, iktar 'il quddiem it-"TEE".

tiġi analizzata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru hekk kif kienet tidher fit-tmiem tat-terminu ffissat fl-opinjoni mmotivata; it-tibdil li seħħ sussegwentement ma jiġiex ikkunsidrat mill-Qorti tal-Ġustizzja [11]. Fil-każ preżenti, l-aħħar terminu kien ġie ffissat għal xahrejn li bdew jiddekorru min-notifika tal-opinjoni motivata addizzjonali, jiġifieri mid-9 ta' Settembru 2004.

A — *Fuq l-ewwel ilment*

1. L-argumenti prinċipali tal-partijiet

22. L-ewwel ilment jikkonċerna r-rikonoxximent tad-diplomi mogħtija wara taħriġ imwettaq f'kuntest ta' ftehim ta' rappreżentanza (*franchise*). Dan it-taħriġ jistrieħ fuq ftehim transnazzjonali ta' kooperazzjoni bejn università jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla ta' Stat Membru li jagħti diploma u stabbiliment privat ta' Stat Membru ieħor li huwa inkarigat sabiex jagħti t-taħriġ li jwassal għal din id-diploma.

23. F'dan ir-rikors, il-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Ellenika li ma rrikonoxxietx dawn id-diplomi mogħtija fit-tmiem ta' taħriġ imwettaq f'kuntest ta' ftehim ta' rappreżentanza li saru bejn università ta' Stat Membru ieħor u stabbiliment privat stabbilit fuq it-territorju Grieg.

24. Ir-Repubblika Ellenika ssostni, fil-fatt, li mhijiex obbligata tirrikonoxxi diploma mogħtija minn awtorità ta' Stat Membru ieħor meta din id-diploma tissanzjona taħriġ miksub, kollu jew parti minnu, fl-Istat membru ospitanti u li, skont dan l-aħħar Stat, mhuwiex rikonoxxut bħala li huwa ta' edukazzjoni ogħla.

25. Hija ssostni, għalhekk, li, għal dak li jirrigwarda l-istatus tal-istabbiliment in kwantu bħala università jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla jew stabbiliment ieħor ta' livell ekwivalenti ta' taħriġ, l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48 jirreferi għad-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru li fuq it-territorju li tiegħu jingħata t-taħriġ. Għalhekk huwa biss fid-dawl tad-dritt Grieg li l-istatus tal-istabbilimenti in kwistjoni u għaldaqstant il-valur tad-diplomi għandhom jiġu analizzati.

26. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ellenika tosserva li l-Artikolu 16 tal-Kostituzzjoni

11 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Novembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-200/88, Ġabra p. I-4299, punt 13); u tat-18 ta' Ottubru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-354/99, Ġabra p. I-7657, punt 45), u tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Franza (C-233/00, Ġabra p. I-6625, punt 30).

Griega tirriżerva l-edukazzjoni ogħla f'idejn l-istabbilimenti pubbliċi biss. Għaldaqstant, ikun kontra l-Artikoli 149 KE u 150 KE [12] li jiġi impost l-obbligu ta' rikonoxximent ta' diploma mogħtija wara taħriġ miksub fit-territorju tagħha bħala li hija diploma ta' taħriġ universitarju jew ogħla, meta dan mhuwiex il-każ skont id-dritt nazzjonali.

27. Bil-kontra, il-Kummissjoni ssostni li d-diplomi mogħtija wara tmiem ta' taħriġ imwettaq f'kuntest ta' ftehim ta' rappreżentanza jaqgħu taħt is-sistema edukattiva tal-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu hija stabbilita l-università li tagħti dawn id-diplomi. Hija ssostni li, skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn tingħata d-diploma li janalizzaw il-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ mogħti fi Stat membru ieħor.

2. Kunsiderazzjonijiet

28. Skont l-ewwel ilment, ir-Repubblika Ellenika ġiet akkużata li ma rrikonoxxietx id-diplomi mogħtija mill-universitajiet ta' Stati Membri oħrajn meta t-taħriġ, li wassal għal dawn id-diplomi, ġie segwit fi stabbiliment privat stabbilit fuq it-territorju tagħha.

29. Il-kwistjoni li titqajjem hija dik dwar jekk diploma mogħtija fit-tmiem ta' taħriġ imwettaq fil-kuntest ta' ftehim ta' rappreżentanza hijiex "diploma" skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48, li b'hekk tobbliga lill-Istat membru ospitanti sabiex tirrikonoxxiha, skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva.

30. Il-partikolarità ta' din id-diploma tirrigwarda l-fatt li t-taħriġ ma ngħatax fuq it-territorju tal-Istat Membru li ħareġ id-diploma, iżda li ngħatat minn stabbiliment privat stabbilit fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor.

31. Tenut kont ta' din il-karatteristika, għandu jiġi meqjus li huwa l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ngħata t-taħriġ li huwa responsabbli biex janalizza l-istatus tal-imsemmija diploma?

32. Aħna ma naħsbux li dan huwa l-każ.

33. Fl-ewwel lok aħna ninnutaw, li l-ewwel inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48 jgħid li b'"diploma"

12 — Skont dawn l-Artikoli, il-Komunità tista', jekk ikun hemm bżonn, tikkumplementa u tikkompleta l-azzjoni tal-Istati membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ professionali, filwaqt li tirrispetta r-responsabbiltà tal-istess għall-kontenut tal-edukazzjoni u l-organizzazzjoni tas-sistema edukattiva u taħriġ professjonali tagħhom. L-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali jibqgħu jaqgħu għalhekk taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

wieħed jifhem kull diploma li "ngħatat minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, maħtur skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi proprji" [13]. Għandu jiġi kkonstatat li l-istatus tad-diploma għandha tiġi analizzata skont id-dritt tal-Istat Membru li jagħtiha.

34. Sussegwentement, aħna ninnutaw li t-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva ma jippreskrivi ebda kriterju ta' territorjalità dwar il-lok tat-taħriġ. Għaldaqstant, aħna tal-opinjoni li huwa l-Istat Membru li jagħti d-diploma li għandu l-kompetenza li jistabbilixxi l-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ mogħti għall-finijiet tal-ksib ta' din id-diploma, u għalhekk il-lok fejn dan it-taħriġ għandu jingħata.

35. Aħna nżidu ngħidu, ukoll, li l-Artikolu 1 (a) tal-imsemmija direttiva jippreċiża biss li t-taħriġ sanzjonat għandu jkun ingħata prinċipalment fil-Komunità [14]. Skont din id-dispożizzjoni, dak li huwa importanti huwa li t-taħriġ ikun postsekondarju, ta' mill-inqas tliet snin, u li jkun ingħata f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla jew stabbiliment ieħor ta' livell simili ta' taħriġ.

36. Din l-analiżi tinsab ikkonfermata mill-għan stess tad-Direttiva 89/48 u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

37. Fil-fatt, din id-direttiva hija intiża għar-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, li jagħtu rikonoxximent lit-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin. Kuntrarjament għad-Direttivi settorjali, is-sistema stabbilita mid-Direttiva 89/48 ma tistrieħx fuq l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess u ta' twettiq tal-professjonijiet regolati.

38. Din hija r-raġuni li għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza reċenti tagħha Price [15], iddeċidiet li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti biex jirregolaw dawn il-kundizzjonijiet ta' aċċess, fi kliem ieħor biex jiddeterminaw il-kontenut, il-livell jew ukoll l-istruttura tat-taħriġ meħtieġ għall-professjonijiet regolati li mhumiex koperti mid-Direttivi settorjali.

39. Iċ-ċirkustanza li t-taħriġ kien ingħata, kollu jew parti minnu, minn stabbiliment privat stabbilit fuq it-territorju tal-Istat Membru ospitanti, ma jistax ineħħi l-obbligu li għandu l-istess Stat Membru ospitanti li jirrikonoxxi d-diplomi li jingħataw wara dan it-taħriġ. Jekk tali fakoltà tiġi rikonoxxuta lilu, ikun qiegħed jiġi ppreġudikat il-prinċipju nnifsu tar-rikonoxximent reċiproku.

13 — Enfasi tiegħi.

14 — Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48.

15 — Is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006 (C-149/05, Ġabra p. I-7691, punt 54).

40. Aħna nżidu ngħidu li l-fatt li diploma ma tiġix rikonoxxuta minħabba li ngħatat fit-tmiem ta' taħriġ imwettaq f'kuntest ta' ftehim ta' rappreżentanza jwassal mhux biss biex jiskoraġġixxi lill-istudenti milli jirreġistraw għat-taħriġ offrut mill-universitajiet ta' Stati Membri oħrajn, iżda wkoll biex jostakola l-moviment liberu tal-ħaddiema li jkollhom id-diplomi li jirriżultaw minnu, fatt dan li jkun imur kontra l-għan tad-Direttiva 89/48.

41. L-ewwel u t-tlettax-il premessa ta' din id-direttiva jindikaw, f'dan ir-rigward, li l-istess direttiva hija intiża sabiex tiffaċilita t-twettiq ta' professjoni fi Stat Membru barra minn dak li fuq it-territorju tiegħu iċ-ċittadin Komunitarju jkun kiseb il-kwalifiki professjonali tiegħu u li dan l-istess ċittadin għandu d-dritt "li [j]akkwista[w] dawn il-kapaċitajiet kull meta jixtieq[u]".

42. Il-ftehim ta' rappreżentanza jippermettu dan il-mobilità u għaldaqstant, jidħlu preċiżament, fil-kuntest tal-programm Komunitarju ta' skambju msejjaħ Erasmus li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla tal-Istati Membri.

43. Fl-aħħarnett, aħna nfakkru, li fil-każijiet fejn l-Istat Membru ospitanti jqis li t-taħriġ irċevut mit-titolari tad-diploma jirrigwarda oqsma li jvarjaw sostanzjalment minn dawk koperti mid-diploma meħtieġa f'dan l-Istat, l-imsemmi Stat għandu l-possibbiltà, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48, li jitlob lill-applikant sabiex jikkompleta perijodu ta' adattament jew jieħu aptitude test.

44. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, aħna għalhekk inqisu li l-ewwel ilment huwa fondat.

B — *Fuq it-tieni lment*

45. L-Artikolu 5(1)(b) tad-Digriet 165/2000 jipprovdi għal deroga għall-prinċipju li jinsab fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 89/48 [16]. Fil-fatt, dan id-digriet jipprovdi mhux biss li l-fakultà tal-għażla ma tapplikax għall-professjonijiet li jeħtieġu konoxxenza preċiża tad-dritt nazzjonali, iżda wkoll li din lanqas ma tapplika "għall-professjonijiet l-oħrajn kollha li jkunu s-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi".

16 — Infakkar li, skont dan il-prinċipju, meta l-Istat Membru ospitanti jagħmel użu mill-possibbiltà tiegħu li jimponi miżuri kumpensattivi, huwa għandu jħalli lill-applikant l-għażla bejn il-perijodu ta' adattament u l-aptitude test.

46. Kif tindika korrettament il-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni nazzjonali, li tipprovdi b'mod ġenerali li l-Istat Membru ospitanti jirriżerva favurih l-għażla bejn perijodu ta' adattament u l-aptitude test "għall-professjonijiet l-oħrajn kollha li jkunu s-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi", tmur kontra t-tieni fraži tat-tieni inċiż tal-Artikoli 4(1)(b) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 89/48. Fil-fatt, l-Istat Membru ospitanti ma jistax jidderoga mill-prinċipju tal-għażla tal-applikant biss meta l-professjoni rregolata kkonċernata titlob konoxxenza preċiża tad-dritt nazzjonali.

47. Ir-Repubblika Ellenika tirrikonoxxi l-fondatezza ta' dan l-ilment u żżid li digriet presidenzjali li jelimina l-parti tal-fraži in kwistjoni tinsab fis-seħħ ta' adozzjoni.

48. Huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif tiġi ppreżentata fit-tmiem ta' terminu ta' żmien stabbilit fl-opinjoni motivata [17].

49. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li mal-iskadenza ta' dan it-terminu, ir-Repubblika Ellenika ma kinitx ħadet il-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mat-tieni fraži tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(1)(b) u mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 89/48. Isegwi li t-tieni lment huwa fondat.

C — *Fuq it-tielet ilment*

50. L-artikolu 10(1)(b), (aa) u (bb) tad-Digriet 165/2000 jagħti kompetenza esklużiva lil Saeitte biex jiddeċiedi fuq talbiet għar-rikonoxximent tad-diplomi ta' edukazzjoni ogħla li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/48.

51. Skont din id-dispożizzjoni, Saeitte huwa kompetenti biex jevalwa jekk l-istabbiliment ta' edukazzjoni li l-applikant ikun attenda huwiex ta' edukazzjoni ogħla u jekk l-applikant għandux l-esperjenza professjonali meħtieġa, fil-każijiet fejn il-perijodu tat-taħriġ huwa mill-inqas sena inqas minn dak meħtieġ fil-Greċja għat-twettiq tal-istess professjoni.

52. Kif tenfasizza l-Kummissjoni, aħna talopinjoni li l-kompetenza mogħtija lil Saeitte biex janalizza jekk stabbiliment ta' edukazzjoni huwiex ta' edukazzjoni ogħla tmur kontra l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 89/48. Skont dan l-Artikolu, iċ-ċertifikati u dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru u li jiġu sottomessi mill-

17 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11.

applikant għandhom ikunu biżżejjed sabiex iservu ta' prova li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-direttiva huma sodisfatti.

53. Min-naħa l-oħra, b'kuntrast ma' dak li ssostni l-Kummissjoni, aħna nqisu li Saeitte huwa kompetenti, skont l-Artikolu 4(1)(a) ta' din id-direttiva, biex jivverifika jekk it-titolari tad-diploma għandux l-esperjenza professjonali meħtieġa fil-każ fejn il-perijodu tat-taħriġ huwa mill-anqas sena inqas minn dak meħtieġ fil-Greċja għat-twettiq tal-istess professjoni.

54. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48 ma jeskludix lill-Istat Membru ospitanti milli jitlob ukoll lill-applikant "jipprovdi prova ta' esperjenza professjonali, meta d-dewmien ta' l-edukazzjoni [...] huwa mill-anqas sena inqas minn dak meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti".

55. B'hekk ir-Repubblika Ellenika hija intitolata teħtieġ mit-titolari tad-diploma barranija biex huwa jġib prova li għandu esperjenza professjonali, meta t-taħriġ li jwassal għall-professjoni regolata kkonċernata huwa ta' inqas minn sena minn dak mitlub fil-Greċja.

56. Ir-Repubblika Ellenika ma tikkontestax dan l-ilment u tindika li digriet presidenzjali li jirrevoka d-dispożizzjoni in kwistjoni jinsab fis-seħħ ta' adozzjoni.

57. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [18] u tar-risposta mogħtija mir-Repubblika Ellenika, aħna nikkunsidraw li dan it-tielet ilment huwa fondat ukoll, iżda biss sa fejn Saeitte huwa kompetenti biex janalizza jekk l-istabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fuq it-territorju ta' Stat membru ieħor huwiex ta' edukazzjoni ogħla.

D — *Fuq il-ħames ilment*

58. Il-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Ellenika li din ċaħdet l-ekwivalenza professjonali tat-titolari tad-diplomi, skont id-Direttiva 89/48, li jaħdmu fis-settur pubbliku, b'mod li ma ħallietx lill-istess titolari milli jitilgħu skala ogħla fil-paga. Il-Kummissjoni ssostni li din il-prassi tmur kontra l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48.

59. Ir-Repubblika Ellenika tikkontesta dawn l-allegazzjonijiet. Fil-fehma tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi tas-servizz pubbliku

18 — *Idem.*

Grieg jagħtu lill-persuni titolari ta' diploma barranija d-dritt li jiġu riklassifikati f'postijiet ta' xogħol bi gradi ogħla.

60. In sostenn tal-ilment tagħha, il-Kummissjoni tillimita ruħha biss biex tiddenunzja li "l-prassi amministrattiva ta' [Saeitte] u tad-diversi servizzi tas-settur pubbliku, jiġifieri ż-żamma min-naħa tar-Repubblika Ellenika tas-sistema antika ta' progress tal-karrieri tal-uffiċjali, tmur kontra l-Artikolu 3 tad-Direttiva [89/48]". Hija ma ssemmiex ħlief l-ilmenti li ġew sottomessi lilha mit-titolari ta' dawn id-diplomi, kif ukoll il-proċess verbal tal-laqgħa tas-Saeitte [19]. Il-Kummissjoni ma ppreżentatx dawn l-ilmenti fil-proċess u lanqas ma ppreżentat dokument ieħor li jista' jikkorrobora dawn l-allegazzjonijiet.

61. Għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mressaq skont l-Artikolu 226 KE, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-eżistenza tan-nuqqas allegat, mingħajr ma tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe suppożizzjoni [20].

19 — Ara l-punti 66 u 67 tar-rikors.

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Mejju 1982, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (96/81, Ġabra p. 1791, punt 6); tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-194/01, Ġabra p. I-4579, punt 34); tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-287/03, Ġabra p. I-3761, punt 27), u tal-20 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-6/04, Ġabra p. I-9017, punt 75). Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li fir-rigward ta' ilment li jikkonċerna prattika kkontestata lill-amministrazzjoni responsabbli ta' Stat Membru, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prova dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tinneċessita li jitressqu elementi ta' prova ta' natura partikolari meta mqabbla ma' dawk normalment ikkunsidrati fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fir-rigward tal-kontenut ta' dispożizzjoni nazzjonali biss (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28).

62. In vista tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma ressqitx prova li s-sistema Griega ta' progress ta' karrieri tal-uffiċjali timpedixxi lit-titolari tad-diplomi, skont id-Direttiva 89/48, milli jipprevalixxu mit-titolu professjonali tagħhom biex jiġu kklassifikati fi skala ġerarkika ogħla.

63. Konsegwentement, aħna nikkunsidraw li l-ħames ilment mhuwiex fondat.

E — *Fuq is-sitt ilment*

1. L-argumenti prinċipali tal-partijiet

64. Skont l-Artikolu 2 tal-liġi Griega Nru 1486/1984 [21], iċ-ċittadini Griegi jew Komunitarji kollha li għandhom diploma tal-inġinerija tal-Iskola politeknika ta' Ateni, tal-fakultajiet tal-inġinerija tal-Greċja u tal-

21 — FEK A' 161. Il-liġi kif emendata fl-Artikolu 2 tad-Digriet Presidenzjali Nru 512/1991 (FEK A' 190), iktar 'il quddiem il-"liġi Nru 1486/1984").

fakultajiet ekwivalenti barranin għandhom jirreġistraw ruħhom mat-TEE sabiex ikunu jistgħu iwettqu l-professjoni ta' inġinerija.

65. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni tagħmel referenza għall-uniku artikolu tad-deċiżjoni ministerjali Greiga ED 5/1984/B-713 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ministerjali tal-1984") [22] li jobbliga lit-titolari ta' diploma, skont id-Direttiva 89/48, biex jippreżentaw ċertifikat tal-ekwivalenza akkademika tad-Dikatsa u sabiex jikkompletaw b'suċċess eżami għall-finijiet tar-reġistrazzjoni fit-TEE.

66. Il-Kummissjoni ssostni li d-deċiżjoni Ministerjali tal-1984 tmur kontra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 89/48. Skont din id-dispożizzjoni, is-sħubija ma' organizzazzjoni professjonali ma tistax tkun suġġetta għal ċerti ħtiġiet ta' kwalifiki ħlief fil-kundizzjonijiet previsti, partikolarment, fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-direttiva.

67. Ir-Repubblika Ellenika tikkontesta l-fondatezza ta' dan l-ilment. Fil-fehma tagħha, mad-dħul fis-seħħ tad-Digriet 165/2000, il-prassi tat-TEE kienet inbidlet u, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, is-sempliċi rikonoxximent tad-diplomi barranin mis-Saeitte kienet biżżejjed. Minbarra dan, ir-Repubblika Ellenika ssostni li l-parteċipazzjoni fl-eżami tikkonċerna kategoriji ta' professjonisti oħrajn. Hija żżid, fil-kontroreplika, li t-TEE bi ħsiebha tbiddel l-avviżi tal-eżami sabiex ma jibqa' l-ebda dubju.

2. Kunsiderazzjonijiet

68. Matul il-proċeduri preżenti, il-partijiet ġew mitluba jippreċiżaw jekk it-TEE hijiex "assoċjazzjoni" jew "organizzazzjoni" skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/48 u li għaldaqstant taqa' taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) ta' din id-direttiva.

69. Ir-Repubblika Ellenika ssostni li t-TEE mhijiex organizzazzjoni professjonali skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(d) ta' din id-direttiva. Hija tqis għalhekk li l-Artikolu 7 (3) tad-Direttiva 89/48 ma jistax japplika.

70. Il-Kummissjoni ssostni, f'dan ir-rigward, li t-TEE hija organizzazzjoni professjonali. B'hekk hija ssostni li l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni

22 — Ara l-punt 5 tar-replika.

Ministerjali tal-1984, li jeħtieġ mit-titolari tad-diploma l-ekwivalenza akkademika mogħtija minn Dikatsa u l-kompletar b'suċċess ta' eżami orali, imur kontra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 89/48.

71. Madankollu, aħna ma naħsbux li d-deċiżjoni Ministerjali tal-1984 toħroġ minn organizzazzjoni professjonali.

72. Fil-fatt, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/48 jgħid li l-kunċett ta' "attività professjonali" regolata għandu jinftiehem bħala "attività professjonali, sa fejn il-bidu jew it-twettiq ta' din l-attività jew waħda mill-modi tat-twettiq tagħha fi Stat Membru hija soġġetta, direttament jew indirettament permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, għall-pussess ta' diploma".

73. B'xewqa sabiex jiġu koperti s-sitwazzjonijiet kollha li jista' jiltaqa' magħhom l-operatur ekonomiku, il-leġiżlatur Komunitarju jikkunsidra li l-professjonijiet li mhumiex regolati mill-Istat Membru, iżda li jagħmlu parti minn organizzazzjonijiet ta' korpi indipendenti li joffru vantaġġi lill-membri tagħhom, għandhom dejjem jiġu mqabbla ma' professjonijiet regolati.

74. Dan minħabba li, għalkemm l-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 89/48 ma japplikax, attività professjonali li hija eżerċitata mill-membri ta' assoċjazzjoni jew ta' organizzazzjoni professjonali, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(d) ta' din id-direttiva, hija mqabbla ma' attività professjonali rregolata.

75. Din l-aħħar dispożizzjoni tapplika jekk l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni professjonali tagħti diploma lill-membri tagħha, hija tassigura li l-membri tagħha jirrispettaw ir-regoli ta' kondotta professjonali li tippreskrivi u li tagħtihom id-dritt li jużaw titolu jew ittri ta' deskrizzjoni, jew li jibbenefikaw minn status li jikkorrispondi ma' dik id-diploma.

76. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni Ministerjali tal-1984 hija regola li ġiet stipulata direttament mir-Repubblika Ellenika u mhux mit-TEE.

77. Aħna nosservaw ukoll, li l-aċċess u t-twettiq tal-professjoni tal-inġinerija fil-Greċja huma suġġetti sew għal dispożizzjonijiet leġiżlattivi, peress li, skont l-Artikolu 2 tal-liġi Nru 1486/1984, huma biss id-diplomi tal-iskejjel tal-inġinerija Griegi jew barranin li jistgħu jiġu rreġistrati mat-TEE [23]. Huwa biss meta din id-diploma tiġi miksuba li t-titolari għandu l-possibbiltà li jirreġistra mat-TEE.

23 — Ara r-risposta tar-Repubblika Ellenika għall-mistoqsijiet magħmulin mill-Qorti tal-Ġustizzja, p. 5.

78. B'hekk huwa ċar l-aċċess u t-twettiq tal-professjoni ta' inġinerija fil-Greċja huma rregolati direttament mill-Istat.

79. Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Peros [24], ikkunsidrat li t-TEE ma setgħetx teħtieġ mit-titolari tad-diploma barranija li jġib ir-rikonoxximent tal-kwalifika tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u dan skont l-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48. Għalkemm it-TEE kienet ġiet ikkunsidrata bħala organizzazzjoni professjonali, dawn l-obbligi kienu jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) ta' din id-direttiva.

80. Konsegwentement, aħna nqisu li l-ilment huwa infondat in kwantu jirrigwarda t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 89/48, u li l-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li jirreferi għall-attivitajiet regolati mill-Istat, huwa applikabbli għas-sitwazzjoni in kwistjoni.

81. B'hekk wieħed għandu jistaqsi jekk il-fatt li jiġi applikat l-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva għas-sitwazzjoni ta' fatt deskritta mill-Kummissjoni fl-ilment tagħha ma jbiddilx is-suġġett tal-kawża u ma jippreġudikax id-drittijiet tad-difiża, b'mod li l-ilment jiġi ddikjarat inammissibbli.

82. Aħna ma naħsbux li dan huwa l-każ minħabba l-motivi segwenti.

83. Għalkemm l-Artikolu 3 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 89/48, minn naħa, jikkunsidraw l-attivitajiet professjonali li t-twettiq tagħhom huwa rregolat mill-Istat Membru u, min-naħa l-oħra, l-attività professjonali mwettqa mill-membri ta' organizzazzjoni professjonali, dawn l-Artikoli jistabbilixxu l-istess obbligi. Fil-fatt, l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jesponi l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) ta' din id-direttiva jirreferi, b'mod partikolari, għal dan l-Artikolu 3.

84. Fiż-żewġ każijiet, l-għan huwa l-istess, jiġifieri li jiġi evitat li l-Istat Membru ospitanti jeħtieġ mit-titolari, f'każ fejn id-diploma barranija tiegħu tkun ġiet rikonoxxuta mill-organu kompetenti, kwalunkwe rikonoxximent ieħor minn awtorità statali.

85. Għaldaqstant, aħna naħsbu li, peress li l-obbligi li joħorġu miż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq huma identiċi, is-suġġett tal-kwistjoni ma jvarjax skont jekk wieħed

24 — Ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2005 (C-141/04, Ġabra p. I-7163, punti 39 u 40).

iħares lejn it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7 (3) tad-Direttiva 89/48 jew l-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 tal-istess direttiva.

86. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan is-sens, li, meta bdil tad-dritt Komunitarju jseħħ matul il-proċedura prekontenzjuża, huwa aċċettabbli li l-Kummissjoni tikkonstata nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu li jsib l-oriġini tiegħu fil-verżjoni inizjali ta' direttiva u li jkun inżamm fid-dispożizzjonijiet il-ġodda. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li s-suġġett tal-kwistjoni ma ġiex mibdul minkejja dan it-tibdil, minħabba li l-obbligi essenzjali li kienu jaqgħu fuq l-Istat Membru kienu identiċi [25].

87. Għaldaqstant, f'dan il-każ partikolari, aħna tal-fehma li s-sitt ilment huwa ammissibbli sa fejn jirrigwarda l-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48.

88. F'dan l-istadju għandha tiġi eżaminata l-fondatezza ta' dan l-ilment.

89. Jirriżulta mid-dokumenti tal-proċess li l-Artikolu 11 tad-Digriet 165/2000 jipprovdi li, sa mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' Saeitte, l-organizzazzjoni professjonali kompetenti għandha l-obbligu li tirreġistra t-titolari tad-diploma, skont id-Direttiva 89/48, fost il-membri tagħha [26]. Għaldaqstant, is-sempliċi rikonoxximent ta' Saeitte huwa biżżejjed, bħala prinċipju, għar-reġistrazzjoni fost il-membri tat-TEE tal-inġiniera li għandhom diplomi tal-istabbilimenti oħra ta' Stati Membri oħrajn.

90. Għaldaqstant, kif indikajna iktar 'il quddiem, il-Kummissjoni tagħmel referenza għal deċiżjoni Ministerjali li tirrigwarda l-modalitajiet ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq tal-professjoni ta' inġinier. Aħna nfakkru li minn din id-deċiżjoni jirriżulta li t-titolari ta' diplomi barranin għandhom, għall-finijiet ta' reġistrazzjoni fit-TEE, joqgħodu għal eżami orali u jiksbu ċertifikat ta' ekwivalenza akkademika mogħtija minn Dikatsa.

91. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta d-Direttiva 89/48 hija applikabbli, l-organu pubbliku ta' Stat Membru, li huwa

25 — Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-365/97, Ġabra p. I-7773, punti 36 sa 40).

26 — Ara r-risposta tar-Repubblika Ellenika għall-mistoqsijiet magħmulin mill-Qorti tal-Ġustizzja, p. 6.

obbligat li jirrispetta r-regoli previsti mid-direttiva kkonċernata, lanqas ma jista' jitlob lill-persuna interessata li ġġib ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti [27].

92. Abbażi ta' dan, aħna nfakkru li, skont l-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, ir-Repubblika Ellenika ħatret is-Saeitte bħala l-awtorità kompetenti li hija awtorizzata li tirċievi t-talbiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali.

93. Għaldaqstant, ir-rekwiżit ta' ċertifikat ta' ekwivalenza akkademida tad-Dikatsa u l-kompletar b'suċċess ta' eżami orali, għat-titolari li d-diploma barranija tagħhom tkun ġiet rikonoxxuta minn Saeitte, imur kontra l-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48 [28].

94. Fi kwalunkwe każ, is-sitwazzjoni attwali, li tikkonċerna r-reġistrazzjoni tal-persuna interessata bħala membru tat-TEE, hija sors ta' inċertezza legali, peress li l-koeżistenza ta' żewġ regoli kuntrarji toħloq sitwazzjoni ta' dritt li hija ambigwa u li b'hekk mhijiex tali li timplementa b'mod ċar l-obbligi li joħorġu mid-Direttiva 89/48, u partikolarment mill-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 tiegħu [29].

95. Konsegwentement, aħna nqisu li s-sitt ilment huwa fondat sa fejn jirrigwarda l-inċiż (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48.

96. Peress li l-parti l-kbira tal-ilmenti ġew iddikjarati fondati, jeħtieġ li skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura li r-Repubblika Ellenika tiġi ordnata tbati l-ispejjeż.

27 — Ara s-sentenza Peros, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 — *Ibidem* (punt 40).

29 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, Ġabra p. I-53, punt 78), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-koeżistenza ta' xi dispożizzjoni konformi mad-dritt Komunitarju u ta' dispożizzjoni li mhix hekk konformi ma tistax tiżgura b'mod effettiv, ċar u preċiż, l-obbligi li joħorġu minn regolament Komunitarju.

V — Konklużjoni

97. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, aħna nipproponu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex:

1) tikkonstata li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 1, 3, 4, 8, u 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin:

— meta hija ma rrikonoxxietx id-diplomi mogħtija minn awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' ftehim ta' rappreżentanza;

— meta ċaħħdet lill-applikant mill-possibbiltà ta' għażla bejn perijodu ta' adattazzjoni u aptitude test għall-professjonijiet li mhumiex dawk li jeħtieġu konoxxenza preċiża tad-dritt nazzjonali;

— meta attribwixxiet il-kompetenza li janalizza jekk l-istabbiliment tal-edukazzjoni li fih l-applikant wettaq it-taħriġ tiegħu huwiex stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla lis-Symvoulio Anagnoriseos Epangelmatikis Isotimias Titlon Tritovathmias Ekpaidefsis, u

— meta talbet li jiġi ppreżentat ċertifikat ta' ekwivalenza akkademika tad-Diapanepistimiako Kentro Anagnoriseos Titlon Spoudon tis Allodapis u l-ikkompletar b'suċċess ta' eżami għat-titolari tad-diploma, skont id-Direttiva 89/48 għall-finijiet tar-reġistrazzjoni mat-Techniko Epimelitirio Ellados;

2) tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.